MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANNA FELICE

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 776/2004

**Charles u Ruth konjugi Bonello fil-kapacita' taghhom bhala l-legittimi rapprezentanti ta' binhom minuri Colin**

**vs**

**Anthony Saliba fil-kapacita' tieghu bhala l-kap tal-kullegg Saint Edward's**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ta' Charles u Ruth konjugi Bonello fil-kapacita' taghhom bhala l-legittimi rapprezentanti ta' binhom minuri Colin, li permezz taghha, wara li ppremettew illi:

Colin Bonello kien jattendi l-kullegg ta' Saint Edward's u dana minn mindu huwa kellu l-eta' ta' erba' snin.

Ghal xhur shah, l-atturi urew il-preokkupazzjoni u l-ghadab taghhom ghall-mod kif kien qieghed jigi trattat binhom Colin minn certu studenti li kienu qeghdin ukoll jattendu dan l-istess Kullegg, senjatament l-istudenti bl-isem ta’ Kim Apap, Carlos Aquilina, Gabriel Mallia, Edward Falzon, Mark Cachia Zammit u Randel Grech, u dana mid-dirigenti tal-Kullegg.

Il-mod kif kien qieghed jigi ttrattat bin l-atturi Colin mhemmx dubju jikkostitwixxi ‘bullying’ stante illi dan Colin kien qed isofri kontinwament minn dawn l-istudenti theddid, zeblih, ingurji u anke azzjonijiet kontra l-pudur tieghu liema agir jikkostitwixxi wkoll reati kriminali ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghalkemm l-atturi gibdu l-attenzjoni tal-konvenut bhala l-persuna responsabbli mill-‘ben essere’ tal-istudenti f’dak il-hin li huma jkunu qeghdin jattendu l-Kullegg diversi drabi dan ma ha l-ebda azzjoni jew prekawzjoni serja u konkreta da parti tieghu halli din is-sitwazzjoni abbuziva fil-konfront ta’ binhom Colin ma tibqax tippersisti tant illi l-istess Colin gie kostrett li ‘de facto’ ma jibqax jattendi tali Kullegg.

Il-konvenut qua l-persuna responsabbli naqas milli jiehu mizuri serji hekk kif kien fi dmiru u fil-kompitu’ tieghu illi jaghmel, inter alia, illi jirriferixxi l-kaz lill-Pulizija Esekuttiva fejn huwa jsib li setghu gew kommessi atti li jammontaw ghal reati kriminali fil-konfront ta’ Colin Bonello u/jew li jiehu mizuri ta’ dixxiplina serji u horox fil-konfront ta’ min ghamel tali trasgressjoni, inkluz is-sospensjoni ta’ tali studenti prevja li jsiru l-investigazzjonijiet necessarji minn min huwa responsabbli u dana unikament wassal halli Colin Bonello ‘de facto’ ma jibqax jattendi dan il-Kullegg ghaliex ma felahx aktar illi jibqa’ jsofri tali aggressjoni ossia ‘bullying’.

Minhabba dan kollu, Colin Bonello sofra u qed isofri danni konsistenti f’illi min-naha l-wahda huwa ma jistax jibqa’ jattendi dan il-Kullegg minhabba r-ragunijiet spjegati aktar ‘il fuq u min-naha l-ohra huwa ma jistax isib skola ohra ta’ circa l-istess livell illi fl-istadju li wasal huwa fil-hajja

akkademika tieghu tali skola tkun tista' takkomodah halli huwa jkompli ghaddej, kif ukoll huwa qed isofri minn danni psikologici fuq il-persuna tieghu u ansjeta' kbira li jistghu jigu stabbiliti minn dina l-Onorabbli Qorti permezz tal-hatra ta' periti nominandi u liema sitwazzjoni tista' jkollha riperkussjonijiet koroh u gravi fuq il-prosegwiment tal-hajja tieghu.

Nonostante illi l-konvenut nomine gie anke interpellat permezz ta' Protest Gudizzjarju datat 26 ta' April 2004 debitament innotifikat lilu dan baqa' inadempjenti.

Talab il-konvenut jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara illi l-konvenut nomine huwa responsabbli ghal dak li gara lil Colin Bonello u dana stante illi huwa qua l-persuna responsabbli naqas milli jiehu mizuri serji hekk kif kien fi dmiru u fil-kompitu' illi jaghmel halli jintemm l-abbuz u l-'bullying' fil-konfront ta' Colin Bonello;

Tiddikjara wkoll illi a kawza ta' tali agir da parti tal-konvenut nomine, l-atturi nomine sofrew danni.

Tillikwida d-danni sofferti anke permezz tal-hatra tal-periti nominandi.

Tordna lill-konvenut nomine ihallas lill-atturi nomine s-somma hekk likwidata ai fini tat-tielet talba attrici.

Bl-ispejjez u l-konvenut nomine minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Anthony Saliba fil-kapacita' tieghu bhala l-kap tal-kullegg Saint Edward's, li in forza taghha eccepixxa illi:

L-iskola hadet dawk il-mizuri kollha necessarji matul is-snin sabiex tirrimedja kull sitwazzjoni li ngabet a konjizzjoni taghha mill-minuri jew il-genituri tieghu.

In kwantu ghat-tieni, it-tielet u r-raba' talba jsegwi li la ma tirrizultax l-ewwel talba dawn ma jistghux jigu akkolti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi skont il-Ligi.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju inkarigata ghal dan l-iskop mill-Qorti diversament presjeduta.

Semghet diversi xhieda viva voce kemm in ezami kif ukoll in kontroezami.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet.

Rat in-nota responsiva.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, l-atturi qed jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara li l-kullegg St. Edward's huwa responsabbli ghal 'bullying' li sofra binhom fil-kullegg u dan ghaliex l-istess kullegg ma ha ebda mizuri serji biex l-abbuz u l-'bullying' jintemm. Qed jitolbu wkoll danni. L-iskola ssostni li hija hadet kull mizura necessarja biex tilqa' ghal sitwazzjonijiet li gew rappurtati lilha.

Bhala provi l-atturi ressqu affidavit ta' binhom Colin li l-Qorti mbaghad semghetu jixhed ukoll viva voce. Xehdet l-attrici u tressqu wkoll bhala xhieda dirigenti u persuni involuti mill-iskola kif ukoll rapprezentanti tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni fejn l-omm irrikorriet ftit gimghat qabel ma nbdew il-proceduri gudizzjarji odjerni permezz ta' protest.

Il-kullegg St. Edward's ressaq bhala provi diversi ghalliema u dirigenti tal-istess kullegg. Ipprezenta wkoll serje twila ta' dokumenti relatati mal-iter edukattiv ta' Colin Bonello fil-kullegg.

Din il-Qorti fliet minuzzjozament il-provi kollha prodotti u ssib li jirrizulta illi Colin Bonello kien ilu student fil-kullegg St. Edward’s mill-eta’ ta’ hames snin meta beda l-iskola hemm fi Prep 1. Sa mill-bidu nett, jirrizulta li kellu problemi serji kemm akkademici kif ukoll ta’ mgieba. Kopji tar-rapporti tal-progress tieghu huma serje ta’ kummenti negattivi bhal “lazy”, “disruptive”, “little effort”, “particularly poor”, “lack of progress”, “very weak”, “lacks concentration”, “lack of motivation” u “unresponsive to all sorts of stimuli”. Ghalliema minnhom tghid hekk: “I have never known a child to waste a year of his life in this manner”. Meta Colin kellu ghaxar snin, l-iskola ssuggeriet illi t-tifel ghandu jigi riferut lill-psikologu minhabba “behavioural problems in class mostly lack of communication/co-operation”. Tul dan iz-zmien kollu, it-tifel kien segwit minn counsellor tal-iskola. L-ghalliema kontinwament irrimarkaw illi ma kienx hemm bizzejjed impenn min-naha tal-familja (ara dokumenti a fol. 52 et seq). Id-dokumenti esebiti mill-kullegg juru illi tul dawn is-snin, il-problemi kbar ta’ mgieba hazina ma naqsu qatt. F’xi zmien ukoll, it-tifel beda jtemtem. Lejn l-ahhar ta’ Jannar 2004, l-omm cemplet lil Norman Wilson, Deputy Headmaster u talbet li tkellmu. Taha appuntament li pposponiet tliet darbiet sakemm iltaqghet mieghu fl-1 ta’ Marzu 2004.

Dakinhar l-omm irrapurtat li binha kien qieghed jigi “bullied”. Jirrizulta li t-tifel kien gieli lmenta mill-agir ta’ xi tfal ohra, pero’ dejjem irrizulta li kien Colin innifsu li ppartecipa fl-imgieba hazina. F’dan il-perjodu, Mario Borg li kien inkarigat mid-dixxiplina kien diga’ qieghed jissorvelja u jsegwi lil Colin Bonello u s-subien l-ohra peress illi dawn kienu jhassbuh bl-imgieba taghhom u anke peress li Colin kien irrapporta tghajjir, tant li kien qed ikollhom laqghat regolari ma’ Marilyn Montanaro, li kienet counsellor fl-iskola. Madanakollu, Colin Bonello kien qieghed jirrifjuta jibqa’ jara l-counsellor. F’dak l-istadju, omm Colin Bonello semmiet bhala ‘bullying’ episodji ta’ tghajjir biss. Sussegwentement hija semmiet li binha kien qed jigi mhedded, darba minnhom b’sikkina. L-iskola ndagat u nstab li darba minnhom wiehed “scout” kien ammetta li ha sikkina tal-iscouts mieghu l-iskola.

Colin Bonello, fl-affidavit tieghu jirrakkonta kif kien qed jigi fil-mira ta’ shabu li kienu qed jghajruh, igebbdulu xaghru u darba anke waqqghuh. Huwa jsostni li dan l-agir beda meta huwa beda jirrifjuta li jaghmilha maghhom.

Wara dawn il-laqghat, l-iskola hadet diversi azzjonijiet, fosthom li biddlet il-klassi tat-tifel, biddlet it-time table tat-tifel, iddixxiplinat lis-subien l-ohra (uhud b’sospensjoni), inharget ordni dwar fejn ghandu jkun it-tifel waqt il-hin tar-rikreazzjoni u dan bil-ghan li l-incidenti ma jirrepetux ruhhom. Colin Bonello baqa’ ma kienx kuntent ghax jghid li baqa’ mbezza’ u spicca ma marx skola aktar.

Kunsiderazzjonijiet ta’ natura legali

L-Art. 1034 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

“*Kull min jiehu hsieb ta’ wiehed minuri jew ta’ magguri, hu obbligat ghall-hsara li jaghmel il-minuri jew il-mignun meta huwa ma jkunx ha hsieb ta’ missier tajjeb tal-familja biex il-fatt ma jigrix.*”

“*Huwa indiskutibilment ta’ importanza primarja illi dawk kollha li jezercitaw funzjoni edukattiva ghandhom fost liprem dover dak tal-vigilanza u tas-sorveljanza tat-tfal li ttutela taghhom tkun giet fdata lilhom*” (“Neil Cassar et vs Ministru tal-Intern et”, deciza mill-Prim’Awla fis-17 ta’ Marzu 2004).

Ghalkemm kien hemm zmien fejn il-gurisprudenza ta’ dawn il-Qrati interpretat dan il-provvediment bhala li jimponi l-onus probandi fuq l-adult li jkollha l-kura tal-minuri bhal per ezempju “Debono vs Camilleri” (deciza mill-Prim’Awla fil-25 ta’ Gunju 1953) jew “Calleja vs Gauci” (deciza fil-21 ta’ Jannar 1948), din il-Qorti ttendi li taqbel mas-sentenza pronunzjata mill-Qorti (Imhallef Anthony Ellul) fil-25 ta’ Jannar 2008 fejn il-Qorti rriteniet li l-provvediment tal-ligi Maltija ma jirrizultax fi presunzjoni “iuris tantum” tar-responsabilita’ tal-adult.

Il-Qorti rriteniet f’dik il-kawza illi:

"*Mhux l-istess jista' jinghad fil-kaz tal-ligi Maltija, in kwantu fl-ebda parti tal-provvediment ma jinghad li r-responsabbilta' hi tal-genitur jekk ma jaghtix prova li bhala missier tajjeb tal-familja, hu ha hsieb ibnu sabiex il-fatt dannuz ma jitwettaqx.*"

Il-Qorti f'dik il-kawza ghamlet referenza wkoll, madanakollu, ghall-osservazzjoni tal-Qorti tal-Appell fil-kawza "Micallef St. John vs Spiteri" (deciza fil-15 ta' Jannar 2002) fejn intqal illi:

*"Pero' din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti, ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tal-appellant illi kien bizzejjed biex jezimi ruhhu mir-responsabilita' li biha tghabbih il-ligi illi b'mod generiku jissodisfa lill-Qorti illi huwa kien, bhala regola, jagixxi b'mod responsabbli fil-konfront tieghu fis-sens illi kien jipprovdi adegwatament ghalih, jikkurah u jiehu hsiebu. Waqt li dawn kienu kjarament cirkostanzi li setghu jillostraw x'kienet jew ma kienitx ir-responsabbilita' tal-missier fil-kaz partikolari, illi kien fuq kollox jinteressa lill-Qorti kien jekk il-missier kienx jew messux kien konsapevoli ta' dak li kien qieghed jaghmel jew ma jaghmilx ibnu minuri u li ma kienx bil-ligi permess u jekk ir-risposta ghal dan il-kwezit hi fl affermattiv, x'passi kien ha jew messu ha biex jikkontrolla, fil-limiti tar-raguni l-komportament, ta' ibnu minuri."*

Jibqa' dejjem il-bzonn ta' prova ta' traskuragni:

"*Ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabilitajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu. "Actor non probante, reus absolitur".*" ("Rausi vs Muscat", deciza mill-Prim'Awla fit-22 ta' Novembru 1995).

Huwa f'dan l-isfond ghalhekk illi l-Qorti trid tezamina jekk, kemm qabel ma kellha r-rapport ta' mgieba hazina fuq Colin Bonello kif ukoll wara li sar ir-rapport mill-omm, l-iskola agixxietx fil-kuntest bhala missier tal-familja fl-indokrar tal-istudenti fdati lilha.

Utli hawnhekk ghall-Qorti li tirreferi ghad-dokument, mahrug mill-Ministeru tal-Edukazzjoni f'Novembru 1999 u li kien jinkorpora fih Il-Politika Nazzjonali dwar l-Ibbuljar. Dan id-dokument, ghalkemm nieqes mill-forza ta' ligi jipprovdi linji gwida dwar kif ghandha tigi milqugha l-problema ta' "bullying" fl-iskejjel kemm ghal dak li huwa prevenzjoni kif ukoll azzjoni konkreta wara rapport fattwali. Id-dokument, bazat fuq studji xjentifici minn persuni professjonali jghin mhux ftit fl-evalwazzjoni tal-agir tal-kullegg konvenut bhala "bonus paterfamilias".

Dan id-dokument jiddefinixxi l-ibbuljar bhala li jinkludi:

"*Kull tip ta' mgieba verbali jew fizika li l-intenzjoni taghha tkun li twegga', tintimida jew toffendi l-integrita' u d-dinjita' ta' persuna; azzjonijiet bhal ghoti tal-laqmijiet, it-twaqqigh ghac-cajt, it-tixrid tax-xnighat, l-inkejja, it-theddid, it-tehid tal-affarijiet bil-forza u l-vjolenza fizika.*"

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, il-Qorti tqis li l-agir li ghalih kien sottomess f'xi okkazzjonijiet, Colin Bonello jaqa' sew fil-parametri ta' din id-definizzjoni. Ghalkemm f'hafna okkazzjonijiet hu kien jagixxi bl-istess mod fil-konfront ta' ohrajn l-iskola ghandha dokumentat rapporti konnessi dwar l-agir tieghu fil-konfront ta' tfal ohra. F'hafna okkazzjonijiet, dak li kien jircievi hu kien b'reazzjoni ghal li jaghmel hu. Madanakollu jidher illi fl-ahhar zminijiet huwa baqa' "on the receiving end".

Meta l-iskola mbaghad kellha r-rapport tal-omm dwar binha, l-iskola agixxiet b'sistema responsabbli, li, ghalkemm mhux perfetta, hadet hsieb kemm l-investigazzjoni kif ukoll l-azzjoni rimedjali.

L-azzjonijiet mehuda gew elenkati mill-Assistant Head Norman Wilson fix-xhieda tieghu. Il-Qorti diga' ghamlet referenza ghalihom aktar 'il fuq. Meta kkunsidrati fid-dawl tal-politika nazzjonali fuq citata, din il-Qorti ma ssibx raguni ticcensura l-iskola (ara xhieda ta' Norman Wilson).

Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fattur jekk l-iskola setghetx tinduna qabel li kien qieghed isir l-ibbuljar. Hawnhekk ukoll ma jirrizultax li l-iskola mxiet b'mod irresponsabbli. It-tfal b'imgieba problematika kienu kontinwament segwiti kemm mill-Head of Discipline kif ukoll mill-Counsellor. Mgieba hazina dejjem giet punita. Meta wiehed jikkonsidra l-isfond ta' sitwazzjoni ta' tifel innifsu bi storja ta' mgieba hazina din il-Qorti ssib li ma kienx ragjonevolment mistenni li l-iskola taghmel aktar.

Il-Qorti ma tistax ma ssemmix ukoll l-atteggjament tal-familja li fil-fehma tal-Qorti kien ferm mankanti. L-istorja tal-hajja skolastika ta' Colin Bonello hija lista ta' talbiet tal-iskola biex il-familja timpenja ruhha aktar. Rinfaccjata b'dan in kontroezami, it-twegibiet tal-omm kienu dejjem "ma niftakarx" u "ma stajtx". Dan il-fattur ma setax ma jimpingix fuq l-atteggjament tal-iskola nnifisha. Il-Qorti tinnota li anke wara li rrappurtat il-"bullying", hija hassret diversi appuntamenti ghal-laqghat li nghataw lilha. Sinjifikanti wkoll il-fatt li minkejja allegazzjonijiet li t-tifel kien qieghed jigi trawmatizzat l-iskola, l-unika rapport mediku (li qatt ma gie guramentat) gie mitlub minn tabib meta kien hemm it-theddid ta' proceduri kriminali kontra l-ġenituri. F'ittra mill-konsulent legali tal-atturi ssemma rapport lil pulizija. Ma ngabet ebda prova ta' dan.

Il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll certi inkonsistenzi fil-verzjoni li jaghtu r-rikorrenti ta' dak li gara. L-ewwelnett, Colin Bonello jsemmi fl-affidavit tieghu li l-ewwel ghalliem li kellem kien Richard Stagno Navarra, li fl-affidavit tieghu stqarr li kemm-il darba investiga rapporti li ghamel Colin Bonello, dejjem sab li dawn kienu okkazzjonijiet ta' ritaljazzjoni wara li jkun beda Colin stess bit-tghajjir. Dan l-ghalliem qatt ma tressaq biex jixhed in kontroezami.

Il-Qorti ssibha tassew inverosimili li, f'dawn il-hafna okkazzjonijiet ta' "bullying" hadd mill-istudenti l-ohra qatt ma ra xejn. Il-Qorti tifhem li ma kinux ser jingiebu jixhdu l-bullies, pero' minn terzi, li inoltre llum spiccaw kollha hargu mill-iskola, hadd ma tressaq.

Ruth Bonello tallega wkoll li hija ma setghetx issib skola ohra ghal binha. Ma gabet ebda prova ta' dan. Anzi tghid li pprova jmur skola gdida, pero' hemmhekk ma baqax ghax ma setax jidra. Tallega li binha beda jtemtem kawza ta' dan il-"bullying". Inverosimili kif qatt ma rrikorriet ghand tabib, haga li kienet taghmel kull omm kieku binha zvilupa difett fid-diskors f'daqqa wahda. Kif intqal, l-uniku certifikat tat-tabib sar minhabba biza' ta' proceduri mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni wara li kienu diga' bdew il-proceduri odjerni. Lanqas ma ttella' jixhed it-tabib li rrilaxxah li forsi kien jispjega c-cirkostanzi tal-ezami tieghu u r-rizultanzi.

Mill-assjem kollu din il-Qorti ssib li r-rikorrenti ma rnexxielhomx jippruvaw sal-grad rikjest mil-ligi dak li allegaw.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, ghaliex mhux pruvati, tichad it-talbiet tal-atturi.

L-ispejjez jithallsu mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------